MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2013

Numru. 572/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**MESBAH ABDALLA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Mesbah Abdalla ta’ 48 sena, iben Abdil Rahman u Fatima nee’ Zaki, imwieled Palestina, fil-9 ta' Mejju 1957, u li joqghod ‘Tyver’ 78, Triq il-Parilja, St. Venera. Detentur tal-Karta ta' l-Identita’ bin-numru 456186M.

Gie akkuzat

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'hanut bl-isem ta' 'Ramilene Office Supplies' li jinsab fi Princess Margaret Street, Msida fit-2 ta' Gunju 2005 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zmenijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. iffalsifika jew biddel, minghajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xoghol tal-mohh jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement ghamel uzu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgh tali merkanzija; jew xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, bejgh jew zamm ghandu ghal bejgh jew importa ghal hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u cioe' accessorji bil-marki tad-ditta Canon.

(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 298(1)(a)(b)(c)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

2. u aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja, jew biegh, qassam, jew mod iehor offra ghal bejgh jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi haga ohra bil-ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet ta' l-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil/jew taht il-Ligi ta' Malta.

(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

3. u aktar talli, fl-istess perjodu, bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghal persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ohra, u minghajr il-kunsens tal-proprjetarju applika fuq oggetti jew fuq l-ippakketjar taghhom sinjal identiku ghal, jew li x'aktarx jithawwad ma' trademark registrata, jew biegh jew kera, offra jew espona ghall-bejgh jew kiri jew qassam oggetti li kellhom fuqhom, jew li l-ippakkettjar taghhom kellu fuqu, sinjal bhal dak;
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 72(1) tal-Kap 416 tal-Ligijiet ta' Malta).

4. xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat jew xjentement b’kull mod li jkun indahal jew biegh jew mexxihom
(Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta)

Il-Qorti giet mitluba sabiex skond id-diskrezzjoni taghha, f’kas ta’ htija, thassar il-licenzja jew inkella tissospendi tali licenzja ghal xi zmien, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta’ htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska u id-distruzzjoni ta’ l-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-Mesbah Abdalla ghal hlas ta’ spejjes li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. KB3 (Ara fol. 15 tal-Process) u nnutat li l-imputat m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni tal-Ispettur Kevin Borg li fis-Seduta tat-3 ta' Frar, 2006, qal:

“Nghid illi f’Gunju tas-sena 2005 il-pulizija kontra r-reati ekonomici kienet irceviet kwerela minghand Ganado & Sammut Advocates illi gewwa l-hanut bl-isem Ramilene office Supplies li jinsab sitwat gewwa Princess Margaret Street, Msida setghu kienu qeghdin jinbieghu xi cartridges tad-ditta Canon allegatament foloz. <u>Jien flimkien ma PC</u>

344 konna fit-2 ta' Gunju 2005 morna fl-imsemmi hanut Ramilene fejn wara li jien identifikajt ruhi bhala Spettur tal-Pulizija ma' l-istess Abdalla Mesbah li qed naghrfu bhala l-imputat prezenti fl-Awla jien kont spjegajtlu li ahna konna sejrin naghmlu search u spjegajtlu c-cirkostanzi. Dan ikkolabora mal-pulizija immedjatament u ahna bdejna naghmlu s-search taghna. Niftakar illi waqt is-search bdejna nsibu cartridges allegatament foloz li kienu mhalltin ma cartridges ohra li kienu originali. Jien kont qed naghraf il-foloz mill-originali billi precedentement jien kont ghamilt laqgha ma Dr Peter Fenech li kien qieghed jidher f'isem Gandao & Sammut Advocates u dan kien spjegali kif nsita' naghraf l-originali mill-falz. Ahna elevajna l-cartridges li kienu allegatament foloz u dawn kienu jammontaw ghal tmintax (18) BCI 3PC blue, sbatax (17) BCI 3EM magenta, erbatax (14) BCI 3E yellow u erbgha (4) BCI colour.

Jien qieghed nesebixxi materjalment li qeghdin jigu esebiti u mmarkati bhala Dok KB 4. Dawn kollha qeghdin issigillati gewwa kaxxa ta' kulur kannella. Sussegwentement ahna tajna kopjatas-seizure note lill-imputat liema kopja ta' l-istess seizure note qieghed nesebixxi bhala Dok KB 5. Jien imbaghad informajt lil Gadano & Sammut Advocates, ghaddejtilha sample minn kull cartridge u li dawn baghtu s-sample barra minn Malta fil-kumpanija MMCA International Limited. Ftit taz-zmien wara ahna rcejena dokumenti dettaljati minghand Christopher Beck f'isem il-kumpanija MMCA International Limited. Qieghed nesebixix dan id-dokument li qieghed jigi esebit u mmarkat bhala Dok KB 6. Inzid nghid illi f'dan id-dokument hemm spjegat dettaljat dwar il-fatt illi dawn il-cartridges huma foloz." "…………………………………………………" (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Sarah Galea li fis-Seduta tat-3 ta' Frar, 2006 qalet:

"Jien qeghda nidher in rappresentanza ta' Ganado & Sammut Advocates li huma jirrapresentaw lil Canon Europe Limited. Qeghda nipprezenta l-kwerela li qeghda

tigi esebita u mmarkata bhala Dok SG 1. qeghda nesebixxi wkoll bhala Dok SG 2 email li bghatuli d-distributors ta’ Malta ghal Canon li huma Avantech Limited u precizament minn Gogo Bonnett fejn huwa specifikali il-prezzijiet li dawn il-cartridges jinbieghu hawn Malta u dan fis-sens illi BCI 24 black jinbieghu sitt liri u ghoxrin centezmu (Lm6.20c), u l-BCI 24 colour jinbieghu ghaxar liri u wiehed u tmenin centezmi (Lm10.81c).”

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' John Richards li fis-Seduta tat-6 ta’ Ottubru, 2008 qal:

“Nghid illi jiena gejt mitlub biex nesebixxi tlett (3) dokumenti rigwardandi trade mark Canon. Wiehed (1) minnhom huwa registrat bhala lokalment u t-tnejn (2) l-ohra huma community trade marks. Dawn t-tlett (3) dokumenti qeghdin jigu mmarkati rispettivament bhala Dok. JR 1, Dok. JR 2 u Dok. JR 3. Jiena xoghli huwa ta’ principal fl-industrial property registration directorate. In kwantu ghall-frazi community trade mark, nispjega li din hija certifikazzjoni li turi illi l-oggett ikun gie registrat bhala community trade mark. U dana fl-Unjoni Ewropeja. Kemm l-oggetti ilhom registrati, dawna ndikati f’dawn id-dokumenti li esebejt.” (Sottolinjar tal-Qorti).

F’dan l-istadju l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Dr Peter Fenech li fis-Seduta tal-21 ta’ April, 2009 qal:

“Nghid illi jiena ghandi l-awtorizzazzjoni li nirraprezenta lil Kumpanija Canon ghal dak li huwa proprjeta Industrijali. Qed nesebixxi vera kopja ta’ prokura in rigward li hija datata Marzu 2007 li qeghda tigi esebita u mmarkata bhala dok PFL 1. Nixtieq nippreciza li jiena ghandi numru ta’ prokuri mid-ditta Canon imma dawna ghaliex jiena ilni numru sew ta’ snin nirraprezenta. Pero’ nghid illi dina l-kopja tal-prokura li esebejt hija wahda mill-ahhar prokuri u li ghadha in vigore. Qed nigi muri dokument dok SG 1 li jinsab minn fol 28 sa fol 29 tal-process u nikkonferma li dina hija vera kopja tal-kwerela li jiena kont baghat ghan-nom tal-Kumpanija Canon Europe Limited lil Pulizija rigwardanti dan il-kaz u qieghed nghid ukoll li qieghed

naghraf il-firma tieghi fuq dina l-kwerela. Nixtieq inzid nghid ukoll illi d-data ta’ dina l-kwerela bhala ittra li jiena baghat lil Kummissarju hija datata 9 ta’ Mejju 2005 u dan qed nghidu fid-dawl tal-fatt li jiena prokura li esebejt illum hija datata 2007 pero’ nghid illi jiena kelli prokuri anke qabel l-2005 rigwardanti id-ditta Canon.”

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghas-segwenti brani mid-deposizzjoni ta’ PC 344 Christopher Vella li fis-Seduta tal-21 ta' April, 2009, qal:

“Illi nhar it-2 ta’ Gunju tas-sena 2005 jiena flimkien ma’ l-ex Spettur Kevin Borg konna morna gewwa l-hanut Ramilene Office Supplies sitwat Fi Triq Princess Margaret Imsida u ghamilna tfittxija ghal xi Canon Printer Cartridges fil-presenza tal-imputat Mesbah Abdalla li qed naghrfu prezenti fl-Awla. Minn hemmhekk ahna elevajna Canon Printer Cartridges u ahna pprezentajna ircevuta ta’ dawna l-oggetti li elevajna lil imputat.” “…………………………………”
L-istess xhud fl-istess Seduta in kontro ezami qal:

“Nghid li meta ahna konna morna fil-hanut tal-imputat fid-data li semmejt 2 ta’ Gunju 2005 ahna konna ghidnilu ghal xiex konna morna hemmhekk u ukoll konna urejnih il-mandat. <u>Nghid illi jiena niftakar lil ex Spettur Kevin Borg kien qal fil-presenza tieghi lil imputat li kienet ser issir tfittxija fil-hanut tieghu ghaliex kien hemm suspett li kien hemm cartridges li kienu tal-printer foloz. Nghid illi meta l-ex Spettur Kevin Borg qal lil imputat b’dan, l-imputat deher sorpriz. Nghid li l-imputat fl-ebda hin ma oggezzjoni u fil-fatt uriena hu stess l-affarijiet li kien hemm gewwa l-hanut. Hu uriena wkoll fejn kien hemm l-ixkafef gewwa l-hanut. Jekk m’hiniex sejjer zball dawn l-oggetti li elevajna jidhirli kienu qeghdin fuq l-ixkafef tal-hanut. Dana meta qed nghid xkafef infisser li l-oggetti kienu on display.</u> Niftakar li ahna konna ghamilna wkoll xi tfittxija gewwa l-parti tal-hanut fejn l-imputat kellu l-ufficju tieghu.

Qed nigi mistoqsi mid-Difiza jekk kemm -il darba x’imkien gewwa l-hanut jew inkella gewwa l-ufficju tal-imputat formanti parti mill-istess hanut sibniex xi kaxxi b’xi oggetti

li ahna konna qeghdin infittxu nghid li ma niftakarx." (Sottolinjar tal-Qorti).

F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghall-Konkluzjoni tar-Rapport tal-espert Martin Bajada ppresentat fis-Seduta tal-10 ta' Settembru, 2007:

"4. Konkluzjoni

4.1. Illi, l-informazzjoni estratta minn fuq l-ink cartridges giet traskritta, u tinsab annessa ma' dan ir-rapport fir-rapporti teknici bin-numru 0603029.

4.2. Illi, mill-analisi komparattivi jirrizulta, bla dubju, li l-oggetti f'DOK KB4 ma humiex prodott originali kif immanifatturati mid-ditta Canon Inc.

4.3. Tant l-esponent ghandu x'jissottometti f'dan l-istadju ghall-gudizzju ghaqli u superjuri ta' dina l-Onorabbli Qorti." (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra taghmel referenza ghad-deposizzjoni ta' Martin Bajada li fis-Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010 qal:

"B'referenza ghar-relazzjoni tieghi mmarkata bhala Dok MB u precizament ghal paragrafu 3.2 ta' l-istess relazzjoni, fuq domanda li qieghda ssirli mid-difiza in kwantu ghall-oggett li jien gejt mghoddi minn Ganado and Sammut biex inkun nista' naghmel ezami komparattiv, qieghed nigi specifikament mistoqsi jekk jiena nistax nikkonferma illi dan il-prodott jiena nista' niddikjarah genwin jew inkella bhala li gie mghoddi lili bhala wiehed genwin, nghid li nista' nghid huwa li lili gie mghoddi lili bhala wiehed genwin. Specifikament qieghed nigi mistoqsi wkoll jekk jiena in kwantu ghal dana l-prodott u jiena nistax nghid jekk hux genwin jew le, nghid jiena dana ma nistax naghmlu. Nghid illi jiena kkonkludejt fir-relazzjoni tieghi li bejn id-dokument Dok KB 4 u l-prodott li kienu ghaddewli Ganado and Sammut hemm diskrepanza. Qed nigi mistoqsi jekk jiena kellix biss f'idejja Dok KB 4 wahdu nistax nasal ghl konkluzjoni li Dok KB 4 huwa genwin jew le, nghid illi le ma nkunx nista' nasal ghal konkluzjoni jekk

hux genwin jew le. Nikkonferma li d-differenzi li hemm bejn id-Dok KB 4 u l-oggett li ghaddewli Ganado and Sammut, bhala differenzi huma minimi hafna.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti issa sejra taghmel referenza ghas-segwenti traskrizzjoni tat-Trattazzjoni moghtija quddiem din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta’ Ottubru, 2010:

“Trattazzjoni:

Pros: Jiena nfakkar lill-Qorti li assumejt dan il-kaz waqt li l-proceduri kienu diga nbdew. Ma kontx l-ufficjal li hrigt l-akkuzi u ghaldaqstant nitlaq immedjatament billi nghid li t-tieni akkuza ma nafx ghala l-ex Spettur Kevin Borg qatt seta’ johrogha. Hawn hekk qed nitkellmu fuq akkuza ta’ copyright meta qed nitkellmu fuq cartridges tad-ditta Canon. Ma nafx kif seta’ din l-akkuza qatt johrogha. Hemm akkuza ohra tar-ricettazzjoni. Anke fl-istqarrija u l-imputat fl-ebda mument fl-investigazzjoni qatt ma rrizulta li l-oggetti in kwistjoni qatt kienu misruqa jew gejjin minn serq u ghaldaqstant ukoll ma nistax nifhem kif l-ex Spettur Kevin Borg ta l-akkuza numru 4 tar-ricettazzjoni. Ghaldaqstant jifdal l-ewwel u t-tielet akkuza. L-ewwel akkuza hija dik ta’ qerq fil-kummerc, it-298. L-ex Spettur Kevin Borg ukoll ghazel li jaqbad 4 subsections minn din is-section u jitfaghhom f’pragrafu wiehed. Certament li fis-suq kien hemmprodotti tad-ditta Canon li rrizultaw li ma kienux originali filwaqt li l-akkuza l-ohra hi tat-trademark u hawn hekk John Richards kien fl-atti ta’ din il-kawza prezenti certifikat li juru li t-trademark Canon hija registrata mad-Divizjoni tal-Kummerc. Il-punt kollu huwa dan. L-ex Spettur Kevin Borg jghid li identifika li dawn l-oggetti ma kienux originali ghax kellhom window, huwa apparat forma ta’ magnetic strip fiha li meta thares b’dettall tista’ tidentifika prodott jekk hux genwin jew le. Jiena fic-cirkostanzi nahseb li iktar ma nitratta iktar inkun qed naghmel hsara lill-prosekuzzjoni f’dan il-kaz ghax jekk naghmel referenza ghall-Artikolu 302 tal-Kodici Kriminali, dak l-Artikolu jghid li jekk persuna juri l-fattura etc etc, qatt ma ghandu jinstab hati tat-298. F’dan il-kaz l-imputat pproduca anke l-invoices. Hemm invoices li juru li dan

<u>xtara prodotti tad-ditta Canon. Fic-cirkostanzi nahseb ahjar naghlaq halqi.</u>

Avukat: Dan apparti li kellu stores …. u anke biex tgharafhom jekk ma jkollokx apparat specjali difficli biex tgharafhom" (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hi tal-fehma li minn ezami tal-provi prodotti jirrizulta li nkwantu ghall-akkuzi kollha migjuba kontra l-imputat Mesbah Abdalla tali akkuzi ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati.

Rigward l-ewwel akkuza l-Qorti taghmel referenza ghall-bran mit-traskrizzjoni tat-Trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni li saret fis-Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2010 fejn jintqal: "………………….." "Jiena fic-cirkostanzi nahseb li iktar ma nitratta iktar inkun qed naghmel hsara lill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz ghax jekk naghmel referenza ghall-artikolu 302 tal-Kodici Kriminali, dak l-Artikolu jghid li jekk persuna juri l-fattura etc etc, qatt ma ghandu jinstab hati tat-298. F'dan il-kaz l-imputat pproduca anke l-invoices. Hemm invoices li juru li dan xtara prodotti tad-ditta Canon. Fic-cirkostanzi nahseb ahjar naghlaq halqi."

Issa l-artikolu 302 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid: "302. Fil-kazijiet imsemmijin fl-artikolu 298(1)(f), jitqies li l-akkuzat mexa dolozament, kemm -il darba ma jippruvax -
(a) illi, wara li ha l-prekawzjonijiet kollha mehtiega sabiex ma jiksirx id-disposizzjoni tal-paragrafu hawn fuq imsemmi, hu ma kellux, fiz-zmien li ghamel id-delitt li fuqu jkun akkuzat, ragun jahseb illi l-marka jew sinjal ma kinux veri; u
(b) illi, meta gie mistoqsi minn membru tal-Pulizija, huwa ta t-taghrif kollu li seta' jaghti dwar il-persuni li minn ghandhom gieb dik il-merkanzija; u
(c) illi mill-bqija huwa mexa bla hazen."

F'dan ir-rigward il-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mid-deposizzjoni tal-Ispettur Kevin Borg li fis-Seduta tat-3 ta' Frar, 2006 fejn, inter alia, qal: "…………………………." "Jien flimkien ma PC 344 konna fit-2 ta' Gunju 2005 morna fl-imsemmi hanut Ramilene fejn wara li jien

identifikajt ruhi bhala Spettur tal-Pulizija ma’ l-istess Abdalla Mesbah …………….. jien kont spjegajtlu li ahna konna sejrin naghmlu search u spjegajtlu c-cirkostanzi. Dan ikkolabora mal-pulizija immedjatament u ahna bdejna naghmlu s-search taghna.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Issa l-Qorti sejra ticcita bran mill-kontro-ezami ta’ PC 344 Christopher Vella li fis-Seduta tal-21 ta’ April, 2009, inter alia, qal: “…………………………..” “Nghid illi jiena niftakar lil ex Spettur Kevin Borg kien qal fil-presenza tieghi lil imputat li kienet ser issir tfittxija fil-hanut tieghu ghaliex kien hemm suspett li kien hemm cartridges li kienu tal-printer foloz. Nghid illi meta l-ex Spettur Kevin Borg qal lil imputat b’dan, l-imputat deher sorpriz. Nghid li l-imputat fl-ebda hin ma oggezzjoni u fil-fatt uriena hu stess l-affarijiet li kien hemm gewwa l-hanut. Hu uriena wkoll fejn kien hemm l-ixkafef gewwa l-hanut.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Hu sinifikanti ukoll il-fatt f’dan ir-rigward li fid-deposizzjoni ta’ Martin Bajada (Seduta tat-22/11/2010) dan, inter alia, qal: “Nikkonferma li d-differenzi li hemm bejn id-Dok KB 4 u l-oggett li ghaddewli Ganado and Sammut, bhala differenzi huma minimi hafna.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Minn dan kollu jemergi li l-prezunzjoni ta' att doluz giet sodisfacentement attakkata.

Inoltre l-Qorti hi tal-fehma li l-imsemmija l-ewwel (1.) akkuza fl-intier taghha ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 298(1)(a), (b), (c) u (f) tal-Kap. 9.

Rigward it-tieni (2.) akkuza migjuba kontra l-imputat il-Qorti sejra ticcita s-segwenti bran mit-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni (Seduta 13/10/2010): "Jiena nfakkar lill-Qorti li assumejt dan il-kaz waqt li l-proceduri kienu diga nbdew. Ma kontx l-ufficjal li hrigt l-akkuzi u ghaldaqstant nitlaq immedjatament billi nghid li t-tieni akkuza ma nafx ghala l-ex Spettur Kevin Borg qatt seta’ johrogha. Hawn hekk qed nitkellmu fuq akkuza ta’ copyright meta qed nitkellmu fuq cartridges tad-ditta Canon. Ma nafx kif seta’ din l-akkuza qatt johrogha." (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tissottolinja l-fatt li dan il-bran intqal mill-Ufficjal Prosekutur li kien qed jipprosekwixxi l-kaz wara li spicca l-Ispettur Kevin Borg bhala Spettur.

F'dan ir-rigward il-Qorti tiddikjara li anke din it-tieni (2.) akkuza fl-intier taghha ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 298B tal-Kap. 9.

B'referenza ghat-tielet (3.) akkuza migjuba kontra l-imputat Mesbah Abdalla l-Qorti tiddikjara li din il-akkuza ukoll ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata. Tali akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 72(1) tal-Kap. 416 tal-Ligijiet ta' Malta.

Difatti mill-provi processwali mkien ma jirrizulta ppruvat li l-imputat bil-ghan li jiehu vantagg ghalih innifsu jew ghall-persuna ohra, jew bil-hsieb li jikkaguna telf lil xi persuna ghamel dak li qed jigi addebitat lilu fl-imsemmija tielet (3.) akkuza migjuba kontra tieghu.

Rigward ir-raba' (4.) akkuza migjuba kontra l-imputat li l-Qorti sejra issa ticcita s-segwenti bran mit-traskrizzjoni tat-Trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni (Seduta 13/10/2010): "........................................." "Hemm akkuza ohra tar-ricettazzjoni. Anke fl-istqarrija u l-imputat fl-ebda mument fl-investigazzjoni qatt ma rrizulta li l-oggetti in kwistjoni qatt kienu misruqa jew gejjin minn serq u ghaldaqstant ukoll ma nistax nifhem kif l-ex Spettur Kevin Borg ta l-akkuza numru 4 tar-ricettazzjoni.” (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti tiddikjara li effettivament mill-provi prodotti din ir-raba' (4.) akkuza migjuba kontra l-imputat, liema akkuza tinkwadra ruhha fl-artikolu 334 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma tirrizultax sodisfacentement ippruvata. Difatti ma ngiebet l-ebda prova f’din il-kawza li l-oggetti in kwistjoni kienu misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat.

Fid-dawl tas-suespost il-Qorti ma ssibx lill-imputat Mesbah Abdalla hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u ghalhekk tilliberah minn dawn l-akkuzi.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska u kif ukoll id-distruzzjoni tal-oggetti esebiti bhala Dok. KB4 u tordna li tali distruzzjoni issir a kura tar-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali jew rappresentant tieghu u wara d-distruzzjoni isir Rapport dwar tali distruzzjoni li ghandu jigi inserit fl-atti ta’ din il-kawza. Ghal tali fini tordna notifika ta’ kopja ta’ din is-Sentenza lir-Registratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------